Minuti tas-6 laqgha tal-hames Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 6 ta' Novembru, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

## 1. Qari, Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tar-4 u 5 laqgha.

1.1 Il-Minuti tar-4 u 5 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

## 2. Xogholijiet tar-Rising Main u resurfacing fi Triq il-Knisja u l-Pjazza.

2.1 Manuel Muscat staqsa dwar ir-resurfacing tal-Pjazza ewlenija u Triq il-Knisja jekk il-Kunsill huwiex ser jidhol f'xi spejjez zejda biex jaghmel ir-resurfacing taghhom u ghaliex il-WSC ma dahlitx biex taghmilhom hi. Is-Sindku spjega illi bhalma gie spjegat f'laqghat precedenti kien hemm mumenti fejn il-WSC ma riditx izzomm mal-ftehim li kien intlahaq snin ilu mas-CEO precedenti is-Sur Anthony Rizzo u ghal din ir-raguni meta harget it-tender tax-xogholijiet ix-xoghol tal-Pjazza u Triq il-Knisja kien thalla barra. Kif gie spjegat f'laqghat precedenti wkoll il-Kunsill zamm iebes sabiex dak li kien miftiehem originarjament jinzamm u bl-intervent tal-Ministru ghal Ghawdex u l-Ministru Austin Gatt il-problemi issolvew u l-WSC accettat li tohrog €42,959.40 u l-Ministeru ghal Ghawdex ikkonferma li ser johrog id-differenza ta' u €75,500 skond l-istejjem tal-Perit li kienu jinkludu x-xogholijiet kollha relatati. Is-Sindku zied jispjega illi skond stima tal-Perit tal-Kunsill Edward Scerri dawn il-fondi ghandhom iservu sabiex tkun tista' ssir Triq il-Knisja bl-ewwel kisja tarmak u biex il-pjazza issir bil-paving blocks. Is-Sindku spjega illi jekk isir xi xoghol iehor addizzjonali per ezempju jekk jinbidel il-materjal jew xi xoghol iehor minn kif prevvist f'dan il-kaz il-Kunsill ikun irid jahseb biex jalloka fondi ghal dan il-ghan.

2.2 Gie deciz li l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri ghandu jigi inkarigat jirrevedi u jikkonferma l-istima li ghamel sabiex ikun zgurat li l-flus allokati mill-WSC u Ministeru ser iservu.

2.3 Saret diskussjoni dwar ix-xogholijiet li qed isiru mill-WSC fejn gie spjegat illi l-mejnijiet tal-ilma ser jinbidlu minn Triq il-Vizitazzjoni 'il barra peress li l-mejnijiet l-ohra huma godda.

2.4 Raymond Cassar staqsa dwar il-funtana fi Pjazza Gerano fejn is-Sindku spjega illi din inqalghet minhabba x-xogholijiet tar-rising main u li ghandha terga' tehel wara li jitlestew ix-xogholijiet. Gie spjegat ukoll li din ser tehel fil-post ezatt kif approvat mill-MEPA sabiex il-garanzija bankarja li hemm mizmuma ghal dan il-ghan tkun tista' tigi rilaxxata.

2.5 Gie spjegat illi il-WSC ser ikunu qed jaghmlu resurfacing fil-pjazza ta' hdejn ic-centru parrokkjali, triq Frenc ta' l-Gharb u Pjazza Gerano bit-tarmak u t-triq ta' Wied il-Mielah ser issir bil-konkos sal-barumabara. Mill-barumbara 'l isfel it-triq ukoll ser issir bil-konkos mill-Kunsill mill-fondi tal-Progett ta' Wied il-Mielah ERDF 022. Il-Kunsill qabel li kif ikun qed isir dan ix-xoghol ghandhom isiru grajjed ghall-kanal tal-ilma fil-bidu ta' Triq Sdieri.

2.6 Is-Sindku ssuggerixxa illi l-Kunsill ghandu jiehdu l-opportunita' minn dan il-progett li qed isir fil-qalba tar-rahal sabiex jaghti dehra gdida lic-centru tal-lokalita' biex b'hekk l-Gharb isir post ahjar ghar-residenti u tinghata spinta 'l quddiem lit-turizmu. Is-Sindku nsista li dan il-progett huwa ta' importanza kbira u li l-Kunsill ghandu jivvota flus addizzjonali sabiex dan il-progett verament jilhaq l-aspettattivi u jirrigenera il-lokalita' u jaghmel il-pjazza attreanti bla ma jintilef il-karattru taghha. Huwa ssuggerixxa illi l-Kunsill ghandu jahseb f'affarijiet li jistghu isiru u jippjana ghalihom per ezempju funtana, dwal minn gol-bankini u dwal moderni ghall-Pjazza. Huwa ssuggerixxa illi l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri ghandu jintalab ihejji pjanta dwar kif jista' jsir id-dizinn tal-paving blocks fil-pjazza zjara tal-Madonna, bankini godda u possibilita' li jsiru dwal dekorattivi godda matul Triq il-Knisja u l-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament. Gie deciz li meta l-Perit ilesti l-pjanta dan ghandu jkun mistieden ghal-laqgha tal-Kunsill sabiex din tkun tista' tigi spjegata lil kulhadd u wiehed jara jekk ikunx hemm bzonn xi forma ta' permessi mill-MEPA.

2.7 Lisa Brooke qalet illi l-kaxxa tal-ittra antika li kien hemm fil-Pjazza hija xi haga mfittxa mit-turisti u li l-Kunsill ghandu jara li din terga' tehel.

2.8 Is-Sindku spjega illi l-permess tal-MEPA biex jigi restawrat is-salib tal-Pjazza gie approvat. Spjega wkoll li huwa ghamel talba lill-Go sabiex dawn jirrestawraw il-kaxxa tat-telefon li wkoll hija attrazzjoni gewwa l-Pjazza tal-Gharb u talabhom ukoll jghinu fir-restawr tas-Salib tal-Pjazza. Gie spjegat li ghad m'hemmx

risposta min naha tal-Go ghal din it-talba. Is-Sindku spjega wkoll illi il-Kunsill applika ghall-fondi taht ir-Rural Development Fund biex ikun jista' jigi rrestawrat is-Salib tal-Pjazza.

2.9 Is-Sindku irrefera ghal dak li kien diskuss fil-laqgha precedenti fir-rigward tas-shelters fil-Pjazza fejn il-Kunsill qabel illi ghandu jitlob il-permess tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tinfetah il-bokka ta' dawn is-shelters.

2.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-resurfacing ta' diversi sqaqien fil-lokalita' fosthom Sqaq fi Triq Frenc ta' l-Gharb, Sqaq fi Triq l-Isqof M. Molina, Sqaq fi Triq San Pietru. In partikolari il-Kunsill iddiskuta dwar l-istat hazin tas-Sqaq ta' hdejn l-ex kunvent tas-sorijiet. Il-Kunsill qabel illi l-Perit ghandu jintalab ihejji stima ta' materjal mehtieg sabiex dawn is-sqaqien ikunu jistghu jinghataw wicc tal-patterned concrete. Il-Kunsill qabel illi kemm il darba il-fondi jkunu jippermettu ix-xoghol ikun jista' jsir mill-haddiema assenjati mal-Kunsill bhalma fil-fatt diga sar fi sqaq fi Triq San Pietru.

2.11 Il-Kunsill iddiskuta il-tigdid tal-kuntratt ta' resurfacing bit-tarmak li l-Kunsill ghandu ma Road Construction Co Ltd. Skond il-provvedimenti tal-kuntratt, il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-kuntratt ghandu jkun imgedded sal-ahhar ta' Novembru 2010.

2.12 Dwar xoghol ta' paving is-Sindku spjega illi peress li l-Kunsill m'ghandux kuntratt ta' dan it-tip hemm zewg possibilitajiet:- li l-Kunsill ifittex li jilhaq ftehim mal-WSC sabiex ix-xoghol isir permezz tar-rati tal-kuntratt taghhom u l-hlas isir mill-WSC lill-kuntrattur direttament jew inkella il-Kunsill ikun irid johrog sejha ghall-offerti.

2.13 Il-Kunsill iddiskuta it-toroq li ga sar xoghol ta' resurfacing bit-tarmak fihom fejn gie deciz li ghandu jithejja pjan sabiex issir manutenzjoni fejn mehtieg.

2.14 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jigu stallati road humps fil-parti ta' gewwa fi Triq Birbuba. Ghal dan il-ghan ghandha tintalab l-approvazzjoni tal-ADT u tingab kwotazzjoni ghal road humps tal-plastik.

2.15 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir xoghol ta' patching fi Pjazza San Pietru fejn mehtieg.

2.16 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi l-open-skips fi Pjazza San Pietru qed jitbattlu fis-sighat bikrin ta' filoghdu. Is-Sindku qal ukoll illi nhar ta' Sibt il-kollezzjoni qed issir madwar nofs siegha qabel il-hin li suppost. Gie spjegat li ga ingibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dawn iz-zewg punti.

2.17 Is-Sindku spjega illi huwa kellu laqgha ma rapprezentant tal-GreenPak kumpanija li tigbor l-iskart separat minghajr hlas fejn gie propost illi z-zona ta' l-iskips ta' skart imhallat fi Triq San Pietru ghandha tinbidel fi bring in site.

**3. Offerti latrini pubblici u provvista' ta' hardware items.**

3.1 Il-Kunsill tratta l-offerti li ghalqu fl-20 ta' Ottubru, 2009 u nfethu f'sessjoni pubblika fit-30 ta' Ottubru.

3.2 **Offerti ghall-provvista ta' open-skips.** Din l-offerta giet irtirata minhabba il-kwistjoni tat-tariffi l-godda fuq skart imhallat li ghad mhuwiex car kif ser tkun qed tahdem.

3.3 **Offerta ghall-provvista ta' hardware**. Kien hemm tlett offerti sottomessi. L-offerta ta' Reno Pace gie skwalifikata peress li dan ma meliex il-bill of quantities izda ta' biss persentagg ta' skont. Miz-zewg offerti l-ohra minghand Rapa Showrooms Co. Ltd. u Caruana & Cini giet maghzula dik ta' Rapa Showrooms Co. Ltd. peress li dan kellu l-irhas prezzijiet.

3.4 **Offerta Latrina Pubblika Triq Trux** Hawnhekk intefghu 3 offerti minghand Ruben Camilleri obo Kumitat Festa Vizitazzjoni, Joseph Camenzuli u Charlie Spiteri. Gie spjegat illi Charlie Spiteri irtira l-offerta tieghu permezz ta' ittra datata 5 ta' Novembru, 2009. Il-Kunsill iddiskuta iz-zewg offerti l-ohra u qabel li l-kuntratt ghandu jinghata lil Ruben Camilleri obo Kumitat Festa Vizitazzjoni li ghalkemm din ma kinitx l-irhas offerta mit-tnejn pero l-Kunsill ibbaza l-ghazla tieghu fuq is-servizz tajjeb moghti mill-istess kuntrattur matul it-tlett snin precedenti fejn il-latrina inzammet dejjem fi stat tajjeb u ma kienx hemm ilmenti.

3.5 **Offerta Latrina Pubblika Triq ta' Pinu** Hawnhekk intefghu 6 offerti minghand Ruben Camilleri obo Kumitat Festa Vizitazzjoni, Joseph Camenzuli, Charlie Spiteri, Anglu Parnis, Paul Camilleri u Paul Borg. Il-Kunsill iddiskuta l-offerti mitfugha. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-'instructions to tenderers' tal-offerta li huma standard u li jistipulaw dan li gej dwar l-oghti tal-offerta – 'Award' – "It is the intent of the Local Council to award Contracts on the basis of the most favourable tenders, provided that the tender has been submitted in accordance with the requirements of the Tender Documents". L-offerta ta' Paul Borg giet skwalifikata peress li din kienet taqbez il-budget stipulat mill-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul dwar l-offerti l-ohra ittiehed il-vot fejn gie deciz bi 3 favur u 2 kontra li l-offerta ghandha tinghata lill-Ruben Camilleri obo Kumitat Festa Vizitazzjoni. It-tlett membri li vvutaw favur l-offerta ta' Ruben Camilleri li ma kinitx l-irhas offerta ibbazaw id-decizjoni taghhom fuq is-servizz tajjeb li ta' l-istess kuntrattur fil-latrina pubblika fi Triq Trux matul it-tlett snin precedenti filwaqt li z-zewg membri l-ohra ivvutaw favur l-irhas offerta.

**4. Progett ta' Wied il-Mielah.**

4.1 Lisa Brooke gibdet l-attenzjoni dwar l-access ghal barriera fit-triq ta' Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi l-access ma jistax jinghalaq.

Is-Sindku spjega illi x-xoghol fuq il-bini tal-hitan tas-sejjiegh ghadu ghaddej u li ghadu ghaddej ix-xoghol preparatorju biex jinhargu l-offerti li jkopru il-kameras tas-sigurta', il-kiosks informattivi, il-binoculars, il-landscaping – safety railing u ghamara rustika u l-publikazzjonijiet informattivi. Is-Sindku spjega wkoll illi trid issir il-launch ufficjali tal-website tal-progett.

**5. Attivitajiet tal-Milied 2009.**

5.1 Is-Sindku spjega illi fir-rigward tal-attivita' filantropika favur l-Arka Foundation li ser tigi organizzata fid-Dar ta' Dun Arkanglu fuq inizjattiva ta' numru ta' residenti barranin intbaghtet l-ittra bil-kundizzjonijiet tal-Kunsill kif stipulat fil-laqgha li saret mar-rapprezentant taghhom is-Sur John Senior Stern u li dawn il-kundizzjonijiet qed jigu osservati ghaliex dawn ghaddew poster ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi dawn ghandhom jaghmluha bil-mitkub li qed jaccettaw il-kundizzjonijiet tal-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata attivita' socjali ghat-tfal li ghaliha jkunu mistiedna tfal sa Year 6. Ghandha ssir ukoll l-attivita' socjali ghall-membri tal-Kunsill.

5.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandu jinzamm il-kuncert fil-Knisja mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni.

5.4 Raymond Cassar issuggerixxa illi l-Kunsill ghandu jzid it-tizjin tat-toroq tal-Milied permezz tad-dwal. Is-Sindku spjega illi wiehed irid joqghod attent ghall-budget peress li ma kienx hemm allokazzjoni ghal dan il-ghan. Huwa spjega illi l-Kunsill ghandu jistudja wkoll x'jaqbel jekk hux li jixtri aktar dwal jew inkella li jixtri servizz ghat-tizjin ta' toroq. Is-Sindku spjega illi d-dwal li ghandu l-Kunsill kollha saddu u li wara dan l-istagun ghandha issirilhom manutenzjoni mill-haddiema tal-Kunsill. Raymond Cassar issuggerixxa illi l-Kunsill jaghti xoghol ta'armar u tizjin tal-Milied lill-Kumitat tal-Festa. Hawnhekk is-Sindku gibed l-attenzjoni illi l-Kunsill ghandu joqghod attent li jaghmel l-affarijiet skond il-ligi u johrog kwotazzjonijiet/sejha ghall-offerti skond il-htiega ghal dawk ix-xogholijiet/servizzi li jkun ser iwettaq.

5.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sigra tal-Milied fejn gie deciz illi din ghandha issir bhas-soltu. Lisa Brooke issuggeriet li din ghandha tkun sigra hajja u mhux sigra maqtugha.

**6. Lehen il-Punent 2009.**

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tigi ppublikata l-edizzjoni li jmiss ta' Lehen il-Punent biex titqassam qabel il-festi tal-Milied. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jippreparaw il-messagg taghhom ghal fuq Lehen il-Punent. Gie approvat illi t-tqassim tal-fuljett bhalma jsir ta' kull sena ghandu jsir permezz tal-Maltapost.

7. **Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

Il-Kunsill approva il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

8. **Korrispondenza u materji ohra.**

8.1 Gie spjegat illi l-permess tal-bini ta' bridges u valley dams f'Wied il-Mielah gie approvat u li l-Kunsill qed jistenna li jircievi il-permess formali bil-posta.

8.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bhalma gie diskuss waqt il-laqgha informali li nzammet fit-30 ta' Ottubru hemm il-possibilita' illi issir applikazzjoni ghall-fondi Ewropej sabiex il-prodott turistiku fl-Gharb ikun imtejjeb. Dan il-progett ghandu jwassal sabiex it-turisti ikunu atratti aktar lejn l-Gharb u sabiex ikun offrut l-ahjar servizz possibbli. Gie spjegat illi jinhtieg li issir laqgha li ghaliha jkunu mistiedna l-operaturi kollha fil-qasam turistiku fl-Gharb sabiex jigi spjegat il-progett propost u jintlaqghu proposti/suggerimenti. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-laqgha u li ghandu jsir avviz f'dan ir-rigward u jintbaghtu ittri lil dawk ikkoncernati.

8.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi fuq parir tad-direttur tal-Artijiet is-Sur Albert Mamo saret ittra lill-Maltapost fejn intalbu sabiex jixxiftjaw fil-premises temporanju u inghataw zmien gimgha biex jirrispondu.

8.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi wasal min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex il-hlas ta' €7000 relatat ma l-Infiorata li saret bhala parti minn Notte Gozitana 2009 organizzata mill-Ministeru ghal Ghawdex. Gie spjegat illi minn dan l-ammont il-Kunsill irid jghaddi il-hlas dovut lill-Kumitat tal-Festa tas-servizz taghhom biex saret l-Infiorata bhala parti minn Notte Gozitana gewwa r-Rabat Ghawdex kif ukoll lill-fornitur tal-fjuri. Il-bilanc jaghmel tajjeb ghal xi spejjez li kellu l-Kunsill sabiex saret din l-Infiorata. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.5 Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandhom jigu ordnati badges bl-arma tal-Kunsill. Ghandha tintalab kwotazzjoni ghal 100 u kwantitajiet akbar sabiex il-Kunsill jiddeciedi x'ammont jaqbel li jordna.

8.6 Is-Sindku spjega illi l-amministrazzjoni tal-labra tal-influwenza lir-residenti ser issir nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru, filoghdu u n-nurse inkarigata minn dan is-servizz ser tkun Francis Mizzi. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.7 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:
Mill-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Ghawdex fir-rigward tat-Trejqa fi Triq Birbuba fejn il-Kumitat hu ta' l-opinjoni li t-triq tissemma Trejqa ta' Mewwija. Il-Kunsill qabel li jigbed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-isem kif jidher fil-site-plans tal-lokalita' tal-Gharb huwa 'Ta' Mawua'. Ghandu jinforma lill-Kumitat ukoll li ma kellu l-ebda komunikazzjoni ohra minghand il-persuni involuti fir-rigward tat-Trejqa tas-Sisien.

8.8 Minghand Guillaumier fir-rigward ta' prezzijiet ta' mirja tat-toroq, road humps kif ukoll ta' traffic cones.

8.9 Minghand Miriam Christine Warner fir-rigward tal-kantanti Ghawdxin li ser jippartecipaw fil-Junior Eurovision li ser jittella' gewwa Kiev fejn il-Kunsill gie mitlub jaghti l-ghajnuna tieghu. Il-Kunsill qabel li jistieden lil dawn iz-zewg kantanti biex jippartecipaw f'Seher il-Punent 2010 u jaghtihom €100 bhala hlas tas-servizz taghhom.

8.10Minghand Georgina Schembri fir-rigward ta' laqghat dwar *wellness & nutrition*. Il-Kunsill qabel li s-sinjura Schembri ghandha tigi kkuntattjata dwar possibilita' li tigi organizzata laqgha fl-Gharb.

8.11Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Wirja dwar il-Galleriji ta' l-Injam u l-Iskema tal-MEPA ta' ghotjiet ta' flus ghar-restawr taghhom. Il-Kunsill qabel li jistieden lill-MEPA torganizza din il-wirja fl-Gharb fl-okkazjoni ta' Seher il-Punent 2010.
Avviz ta' Infurzar ECF1116/09,
Kopja ta' decizjoni li ghaliha il-Kunsill ghamel oggezzjoni PA6211/08, PA6215/08 & PA6208/08.
Statement of Funds
Approval of Application PA0267/09 – To Restore Village Cross Monument.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA3961/09, PA 3403/09, PA4255/09, PA2149/09, PA4126/09 & PA3818/09. Il-Kunsill qabel li jigbed l-attenzjoni tal-MEPA dwar applikazzjoni PA3961/09 li t-triq jisimha Triq Frangisk Portelli u mhux Triq San Lawrenz.

8.12 Mill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern fir-rigward ta' pubblikazzjoni dwar il-hidma tal-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern.

8.13 Mill-Valletta Dramatic Company fir-rigward ta' servizz ta' kuncerti muzikali li qed joffru.

8.14 Mill-GRTU fir-rigward tal-Budget 2010.

8.15 Minghand Wirt Ghawdex fejn il-Kunsill gie infurmat li huma lesti li jahdmu flimkien mall-Kunsill fi progetti relatati mall-Wirt Kulturali.

8.16 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:
Acknowledgement fir-rigward ta' l-Applikazzjoni Memo 52/2009 fir-rigward ta' inizjattivi sportivi.
Memo 69/2009 – Ufficini Regjonali.
Avviz li hadd ma jista' jwahhal reklami jew posters ma arbli, hitan u sinjali tat-transport.
Memo52/2009 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi – 2010 fejn il-Kunsill gie infurmat li gew sottomessi applikazzjonijiet f'dan ir-rigward.

8.17 Mill-ETC fir-rigward ta' Skema: Xoghol fil-Komunita' fejn il-Kunsill gie assenjat tlett haddiema. Gie spjegat illi wiehed mill-haddiema m'ghadux mal-Kunsill u ghalhekk fil-prezent il-Kunsill qed jibbenefika minn zewg haddiema taht din l-iskema u li dawn qed iwettqu xoghol ta' manutenzjoni fil-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.18 Mill-Bord ta' Evalwazzjoni fir-rigward ta' l-Applikazzjoni Skema Accessibilita' Ahjar fil-Lokalita' fejn il-Kunsill gie pprezentat bil-ftehim ta' accettazzjoni u gie infurmat li l-applikazzjoni tieghu giet elegibbli ghall-fondi u l-Kunsill ser jinghata s-somma ta' €9322.00. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi iffirmat il-ftehim ta' accettazzjoni.

8.19 Mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u minghand s-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fir-rigward tal-Local Enterprise Award.fejn il-Kunsill gie maghzul bhala wiehed mill-10 finalisti tal-Local Enterprise Awards. Ir-rebbieha ser jigu mhabbra waqt serata finali li ser tittella' aktar 'il quddiem.

8.20 Minghand Cyberspace Solutions Ltd fir-rigward tal-prodott taghhom Cyber Tracker.

8.21 Minghand Mdina Attractions fir-rigward ta' diversi attrazzjonijiet li huma qeghdin joffru.

8.22 Mill-Bibjoteka Nazzjonali fir-rigward tal-fiera tal-kotba 2009.

8.23 Mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fir-rigward ta' Ko-Finanzjament ghal Progett tal-Unjoni Ewropea imsejjah 'Wied il-Mielah – Towards an ecologically and culturally sensitive sustainable Tourism' fejn dan il-ko-finanzjament gie rivedut ghall ammont ta' €50,000.

8.24 Mill-Gozo Tourism Association fir-rigward ta' kotba 'Island of Myth & Miracles' bit-Taljan li ghandhom ghall-bejgh. Il-Kunsill ma qabilx li jixtri minn dawn il-kotba peress li parti mill-kontenut huwa 'outdated'.

8.25 Mill-Malta Olympic Committee fir-rigward ta' l-iskema MOC Local Council Sports Awards'.

8.26 Minghand Montekristo Estates fir-rigward ta' informazzjoni dwar servizzi li huma qeghdin joffru.

8.27 Minghand Anne Marie Mifsud fir-rigward ta' servizz ta' kantanta li hija toffri.

8.28 Mit-Taqsima tal-Kultura fir-rigward ta' Leljet Lapsi – Notte Gozitana 2010.

8.29 Minghand Malta Glass Creations fir-rigward ta' prodotti li huma joffru.

8.30 Minghand Inspire Foundation fejn il-Kunsill gie mitlub jaghti l-ghajnuna tieghu fil-maratona ta' gbir ta' fondi.

Il-laqgha spiccat hin 7.45pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv